MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru. 779/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Emanuel Dimech ta’ 53 sena iben Vincent u Helen xebba Zammit imwieled Birkirkara nhar it-28 ta’ Marzu 1954 u joqghod 64, Triq Ghar il-Gobon, Birkirkara, detentur tal-karta ta’l-identita 336454(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Emanuel Dimech li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli gewwa Birkirkara fit- 2 ta’ Awissu 2007 u fix-xhur ta’ qabel din id-data, meta b’diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda ikkometta

attentat vjolenti ghal pudur fuq ohtu Anete k/a Tania Barry:

Rat id-dokumenti esebieti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dana l-istadju tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi iddispjacih ghall-akkadut, ghandu fedina penali kwazi netta u li ammetta f'dana l-istadju bikri tal-proceduri u ghalhekk ma tqiesx illi piena ta' prigunerija hija idoneja ghal dana il-kaz. Inoltre il-vittma u cioe' oht l-imputat stess iddikjarat quddiem il-Qorti illi hija haffret lil huha ghall-akkadut.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta'l-imputat u wara li rat l-artikoli 207, 202(h)(ii) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Emanuel Dimech hati ta'l-akkuza migjuba kontra tieghu, izda b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------